DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 72/2008

tas-6 ta' Ġunju 2008

li temenda l-Anness XIII (It-Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 52/2008 tal-25 ta' April 2008 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 331/2008 tal-11 ta' April 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji ta' l-ajru li huma suġġetti għall-projbizzjoni ta' operar fil-Komunità ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Dan l-inċiż li ġej għandu jkun miżjud mal-punt 66zab (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006) ta' l-Anness XIII tal-Ftehim:

"— **32008 R 0331**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 331/2008 tal-11 ta' April 2008 (ĠU L 102, 12.4.2008, p. 3)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 331/2008 bl-Islandiż u n-Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-7 ta' Ġunju 2008, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment ŻEE tiegħu.

Magħmula fi Brussell, 6 ta' Ġunju 2008.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Alan SEATTER

([1]) ĠU L 223, 21.8.2008, p. 50.
([2]) ĠU L 102, 12.4.2008, p. 3.
(*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.